**RAPPORT DWAR IL-PREKARJAT**
**MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**
**OTTUBRU 2013**

Fi stqarrija li ħarġet fis-6 ta' Ġunju, 2013, id-Deputat Prim Ministru qal li sabiex wieħed ikun jista' jiġġieled il-prekarjat, jeħtieġ l-ewwelnett li jkun hemm definizzjoni ta' dan it-terminu. Hu żied jgħid illi "mhux ġust li min jabbuża jinħeba taħt definizzjonijiet skaduti u liġijiet qodma"[1] u li dan għandu jitwaqqaf sabiex il-ħaddiem ma jibqax ibati. Fl-istess stqarrija d-Deputat Prim Ministru qal illi dan is-suġġett diġà ġie diskuss fil-Kabinett u li fiż-żmien li ġej se tiġi ppreżentata liġi.

In-nuqqas ta' definizzjoni ċara hija waħda mill-problemi ewlenin fil-kwistjoni tal-prekarjat. Dan anke fuq livell lokali għax m'hawnx definizzjoni waħda li tissodisfa lil kulħadd. Fl-2011 l-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol iddeskriviet ix-xogħol prekarju bħala *"[a] work arrangement where employment security, which is considered one of the principle elements of the labour contract, is lacking*"[2]. Fis-27 ta' Awwissu 2013, il-Parlament Ewropew, meta mistoqsi mill-Membru Parlamentari Ewropew Claudette Abela Baldacchino sabiex jagħti definizzjoni legali ta' xogħol prekarju, wieġeb illi "*Precarious work is not a legal concept. It arises from a combination of factors, including the welfare system in place and the worker's family situation, and thus can affect workers with any form of employment contract*."[3] L-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, f'rapport li ħarġet, tat numru ta' kriterji li jistgħu jikkostitwixxu xogħol prekarju[4], fosthom:

- Xogħol *part-time;*
- Kuntratti għal perjodu definit;
- *Self-employment;*
- Xogħlijiet bil-paga minima jew inqas*;*
- Kundizzjonijiet ħżiena fuq il-post tax-xogħol;
- Nuqqas ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
- Ħaddiema li mhumiex irrappreżentati minn *union*;

Waqt laqgħa tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD), id-Direttur tax-Xogħol u r-Relazzjonijiet Industrijali, f'diskors li għamel, qal illi xogħol prekarju jista' jiġi deskritt bħala impjieg '*atypical*' illi ma jkunx imħallas biżżejjed, ma jipprovdix sigurtà u protezzjoni, u fejn il-ħaddiema ma jkunux irrappreżentati minn *Union*. Kompla jispjega illi mhux kull impjieg '*atypical*' ikun prekarju[5].

Id-definizzjoni tal-prekarjat ġiet diskussa mill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali u rriżulta li ma tistax taqbad kundizzjoni waħda mil-lista u tgħid li minħabba fiha x-xogħol huwa prekarju, iżda jrid ikun hemm iktar minn kriterju wieħed preżenti. Dan għax jista' jkollok min qed jaħdem f'ċertu kundizzjonijiet (bħal impjieg *part-time*) b'mod volontarju. Intqal ukoll li hemm ħaddiema li jsibu ruħhom fil-prekarjat għax m'għandhom l-ebda għażla oħra u l-Gvern għandu jindirizza lil min iħaddem nies vulnerabbli sabiex ma jħallix li dawn il-ħaddiema jiġu sfruttati għax ikunu daharhom mal-ħajt. Sabiex dan it-tip ta' sfruttament jieqaf, fil-Kumitat ingħad li għandu jkun hemm iktar infurzar tal-liġijiet u pieni aktar ħorox.

Punt importanti ieħor huwa r-rispett lejn id-dinjità tal-ħaddiem. Ix-xogħol ma jistax jitqies biss bħala mezz li jipprovdi l-finanzi għall-għajxien. Meta wieħed jitkellem fuq xogħol u l-kundizzjonijiet marbuta miegħu, irid iqis numru ta' fatturi. Huwa importanti li min iħaddem ma jabbużax mill-impjegat fuq l-ebda livell u dan jinkludi ċirkostanzi fejn:

- Ħaddiem jaħdem sigħat żejda ma jitħallasx bir-rata tal-*overtime*;
- Ħaddiem ma jitħallasx tas-*sick leave* jew ma jitħalliex jieħu l-*vacation leave*;
- Persuni jiġu impjegati minn żewġ kumpaniji separati (li jkunu parti mill-istess *mother company*) fuq bażi *part-time* sabiex ma jingħatawx benefiċċji ta' *full time employment;*

---

[1] DOI, 2013; PR1181
[2] General Workers Union, 2013; pg. 2
[3] Parlament Ewropew, 2013
[4] Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, 2013
[5] I Review, Ottubru 2013; pg. 3

- refuġjati ma jitħallsux kemm suppost – barra li jkollhom kundizzjonijiet ħżiena, jitfgħu dell ikrah fuq min iżomm prezz iktar għoli għaliex jagħti paga diċenti lill-ħaddiema tiegħu;
- impjegat ikun ħallas il-bolol neċessarji iżda min iħaddmu ma jkunx għadda l-ħlasijiet lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali;

Wieħed isib ħafna rapporti minn entitajiet lokali u barranin fuq dan is-suġġett u f'kull rapport issib rakkomandazzjonijiet sabiex wieħed jiġġieled lill-fenomenu tal-prekarjat. Il-GWU qed tipproponi li titwaqqaf Kummissjoni għall-Kwalità tax-Xogħol li tkun responsibbli għal *Enforcement Unit* effiċjenti, ikollha l-poter li tinvestiga l-każijiet, tifli t-*tenders* pubbliċi u tipproponi azzjonijiet konkreti. Fir-rapport tagħha semmiet ukoll li għandu jsir titjieb fil-liġijiet preżenti, iktar kontrol fuq il-*public procurement* u kampanja nazzjonali li tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti[6].

L-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, min-naħa tagħha, ħarġet b'numru ta' proposti mqassmin skont is-settur – il-Gvern, l-*unions* u min iħaddem. Fost il-proposti tagħha, l-Assoċjazzjoni tgħid illi għandu jkun hemm iktar spezzjonijiet u infurzar tal-liġi, djalogu bejn il-Gvern u l-*unions*, u applikar tas-*Service Charter* tal-istess Assoċjazzjoni[7].

Is-Sur Gejtu Vella, f'rapport li ħareġ fl-2013, fost numru ta' rakkomandazzjonijiet, jgħid illi kull ħaddiem għandu jkollu kuntratt tax-xogħol u li kull kuntratt li jsir għal perjodu ta' inqas minn tlett snin għandu jiġi approvat mid-Direttur responsabbli għax-xogħol

Il-Federazzjoni Ewropea għall-Ikel, l-Agrikultura u t-Turiżmu Trejdunjonistiku (EFFAT) tipprovdi lista ta' rakkomandazzjonijiet li jinqasmu bejn dawk li japplikaw għal min iħaddem u dawk li jolqtu aktar lil *policy makers*. Jissemmew l-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol, l-importanza tal-ftehim kollettiv, l-implimentazzjoni ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea, skemi ta' taħriġ għall-impjegati, standards soċjali minimi għal ħaddiema fl-Ewropa, monitoraġġ u infurzar, fost ħafna oħrajn[8].

Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali ikkunsidra numru ta'dokumenti u artikli li jitrattaw dan is-suġġett u filwaqt li jaqbel mal-bżonn illi tinstab definizzjoni ta' xogħol prekarju, jifhem illi definizzjoni bhal din ma tista' qatt tkun waħda riġida iżda waħda flessibbli u msawra minn kumulazzjoni ta' kriterji bl-intendiment ċar illi l-istess definizzjoni għandha teskludi xogħolijiet illi għalkemm ikollhom kriterji simili għal dawk misjuba fid-definizzjoni, f'aspetti oħra dan ix-xebħ jinġieb fix-xejn tant illi jkun jidher biċ-ċar illi x-xogħol in kwistjoni ma jistax jidħol fil-kategorija tal-prekarjat. Eżempju ta' dan jista' jkun xogħol b'kuntratt ghal perjodu definit illi jkun imħallas b'salarju li jkun jissupera sew il-paga minima.

Il-Kumitat jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet li ssemmew iktar 'l fuq f'dan ir-rapport u jara b'sodisfazzjon illi mill-1 ta' Lulju 2013, kull tender li jingħata mill-Gvern se jkollu numru ta' kundizzjonijiet ġodda sabiex jiġi evitat li jingħataw kuntratti li jwasslu għal xogħol prekarju[9]. Il-Kumitat jissuġġerixxi wkoll illi jkun hemm sistema ta' kollaborazzjoni bejn numru ta' entitajiet li jistgħu jiġġieldu l-fenomenu tal-prekarjat, fosthom l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, l-*unions* u l-Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem sabiex ikun hemm ġlieda ħolistika kontra dan il-fenomenu u sabiex il-ħaddiema jingħataw kundizzjonijiet xierqa u dinjitużi fuq il-post tax-xogħol.

[6] General Workers Union, 2013; pg. 28-35
[7] Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem, 2013; pg. 9
[8] EFFAT, 2009, pg. 4-6
[9] DOI, 2013; PR1406

**Referenzi**


Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 007. 16 ta' Ottubru 2013.

Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali. Laqgħa 010. 30 ta' Ottubru 2013

DOI. Stqarrija mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. PR1406. 2 ta' Lulju 2013. http://gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2013/July/02/pr1406.aspx

DOI. Stqarrija mid-Deputat Prim Ministru Louis Grech. PR1181. 6 ta' Ġunju 2013 http://gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2013/June/06/pr1181.aspx

I Review. Precarious work – award of government tenders and conditions of employment of employees of contractors. Department of Industrial and Employment Relations. Issue 9. October 2013

BDC Ltd. Precarious Employment in Malta: Research and Recommendations. General Workers' Union. 2013

Malta Employers' Association. Position Paper on Illegal and Atypical Employment Practices. Malta Employers' Association. July 2013. http://www.maltaemployers.com/Portals/22/Precarious%20employment.pdf

Vella Gejtu. Promoting Jobs – Protecting People, Defining Precarious Employment & The Way Forward. People at Work. 2013.

European Parliament. Parliamentary Questions. Rule 117. 27th August 2013. http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+WQ+P-2013-009626+0+DOC+XML+V0//EN

European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Union. Justice from farm to fork. Fight precarious work! EFFAT Charter on Precarious Work. October 2009. http://www.precarious-work.eu/sites/default/files/effat/files/charter/EFFAT_Charter_against_precarious_work_EN.pdf

European Federation of Food, Agriculture and Tourism Trade Union. Precarious Work in Europe, Causes and Consequences for the Agriculture, Food and Tourism Sectors, Executive Summary from a study carried out by the Working Lives Research Institute at London Metropolitan University. June 2012. http://www.precarious-work.eu/sites/default/files/effat/files/publications/EFFAT_Executive_Summary_Precarious_Work_project_with_charts_EN.pdf

International Labour Office. Meeting the challenge of precarious work: A workers' agenda, International Journal of Labour Research. Issue 1, Volume 5. 2013 http://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_dialogue/---actrav/documents/publication/wcms_216282.pdf